MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2012

Numru. 9/2012

**IL-PULIZIJA**
(Spettur Josric Mifsud)
**vs**
**ANTHONY VELLA**

**Illum 14 ta' Marzu 2012**

**Kaz Numru 9/2012**
**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' Anthony Vella ta' wiehed u sittin (61) sena, bin Amabile u Bernarda nee' Said, imwieled Victoria, nhar l-1 ta' Jannar, 1951, residenti fiil-fond numru 74, Triq Parisot, Xaghra u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 5751G akkuzat talli;

Nhar it-12 ta' Jannar 2012 ghal habta tal-11.15hrs, fil-kordinati 036º 00' 98 North u 014º 17' 59 East, fl-ibhra territorjali Maltin meta bhala kaptan tal-kajik bin-numru tar-

registrazzjoni MFC 6666 kellu mwahhal mutur *out-board* tal-ghamla Yamaha bin-numru seriali 677K-1001084, ta' 5.968HP, fuq din l-istess qoxra tal-bahar u dan bla ma kien irregistrat mal-awtoritajiet kompetenti, bi ksur tal-Artikolu 45 tal-Avviz Legali 183 tal-2008, tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet li l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat giet ammessa u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissoni bikrija tal-imputat u n-natura tar-reat migjuba fil-konfront tieghu.

Ghaldaqstant, il-Qorti, fuq ammissjoni, wara li rat Regolamenti 45 u l-Ewwel Kolonna tat-Tielet Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.52 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta' tlitt mitt Euro (€ 300.00).

**DR. NEVILLE CAMILLERI**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------